Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Nru. 502 OTTUBRU 2018

# IL-XV-IL ASSEMBLEA ĠENERALI ORDINARJA TAS-SINODU TAL-ISQFIJIET

## (3-28 ottubru 2018)

## Iż-Żgħażagħ, il-Fidi u d-Dixxerniment Vokazzjonali

**TALBA BI TĦEJJIJA GĦAS-SINODU**

Mulej Ġesù,
fil-mixja tagħha lejn is-Sinodu,
il-Knisja tiegħek għandha ħarsitha fuq iż-żgħażagħ
kollha tad-dinja.

Nitolbuk biex bil-kuraġġ kollu
jieħdu ħajjithom f'idejhom,
jimmiraw għall-aktar ħwejjeġ sbieħ u profondi
u jżommu dejjem qalb ħielsa.

Imseħbin minn persuni għorrief u ġenerużi li
jmexxuhom,
għinhom iwieġbu għas-sejħa
li inti tagħmel lil kull wieħed u waħda minnhom,
biex iwettqu l-pjan li fassalt għal ħajjithom
u jaslu għall-hena sħiħ.

Żommilhom qalbhom miftuħa għal ħolmiet kbar
u agħmel li jkunu attenti għall-ġid ta' ħuthom.

Bħad-Dixxiplu l-maħbub,
ħa jkunu huma wkoll taħt is-Salib
biex jilqgħu mingħandek lil Ommok bħala don.

Ħa jkunu xhieda tal-Qawmien tiegħek
u jagħrfuk ħaj f'nofshom
biex hekk ixandru bil-ferħ li int il-Mulej.

Ammen.

# IL-ĠURNATA MISSJUNARJA

## *IL-ĦADD 21 TA' OTTUBRU 2018*

Il-Ħadd 21 ta' Ottubru 2018 taħbat il-Ġurnata Missjunarja. F'dan il-jum kulħadd għandu jagħti s-sehem sħiħ tiegħu bit-talb u l-offerta tiegħu. Niftakru wkoll fil-missjunarji rġiel u nisa, fosthom numru sabiħ ta' lajċi, li qegħdin jiddedikaw ħajjithom għall-kawża missjunarja, anke mill-gżejjer tagħna.

***Flimkien maż-Żgħażagħ inwasslu l-Evanġelju lil kulħadd***

Għeżież żgħażagħ, nixtieq li flimkien magħkom nirrifletti fuq il-missjoni li Ġesù fdalna f'idejna. Filwaqt li nkellem lilkom, irrid li nindirizza wkoll lill-Insara kollha li qed jgħixu l-avventura ta' ħajjithom fil-Knisja bħala wlied Alla. Dak li qanqalni biex inkellem lil kulħadd, filwaqt li niddjaloga magħkom, hi ċ-ċertezza li l-fidi Nisranija tibqa' dejjem żagħżugħa meta tkun miftuħa għall-missjoni li Kristu fdalna f'idejna. "Il-missjoni tagħti ħajja ġdida lill-fidi" (*Redemptoris missio*, 2) kiteb il-Qaddis Ġwanni Pawlu II, Papa li tant ħabb liż-żgħażagħ u li tant iddedika ruħu għalihom.

L-okkażjoni tas-Sinodu, li ser niċċelebraw f'Ruma (f'Ottubru li ġej), fix-xahar tal-missjoni, toffrilna l-opportunità biex, fid-dawl tal-fidi, nifhmu aħjar dak li l-Mulej Ġesù jrid jgħid lilkom iż-żgħażagħ, u dak, li permezz tagħkom, irid jgħid lill-komunitajiet Insara.

**Il-ħajja hi missjoni**

Kull raġel u mara huma missjoni, u għalhekk jinsabu hawn fl-art. Il-qalb, l-aktar f'età żagħżugħa, tħoss żewġ tqanqiliet: tħossha attirata u tħossha mibgħuta. Inħossu fina l-qawwa tal-imħabba li twegħedna futur u timbuttana 'l quddiem fil-ħajja. Ħadd daqs iż-żgħażagħ ma jħoss dik il-qawwa tal-ħajja li tinfed u tattira. Hi sfida kbira li ngħixu b'ferħ ir-responsabbiltà li għandna lejn id-dinja. Nifhem sew il-waqtiet ta' dawl u ta' dlam li jgħixu ż-żgħażagħ. Meta naħseb f'żgħożiti u fil-familja tiegħi niftakar kemm kienet qawwija t-tama f'ġejjieni aħjar. Il-fatt li ninsabu f'din id-dinja mhux għax iddeċidejna aħna, iwassalna biex nagħrfu li kien hemm inizjattiva li ġiet qabilna u li wasslet għall-eżistenza tagħna. Kull wieħed minna hu msejjaħ biex jirrifletti fuq din ir-realtà: "Jien missjoni fuq din l-art, u għalhekk ninsab f'din id-dinja"(*Evangelii gaudium*, 273).

Kompli aqra: http://www.laikos.org/Fr1_Messagg_Jum-Missjoni_2018.htm

# ASSEMBLEA TAL-AZZJONI KATTOLIKA TA' GĦAWDEX

## Motto: *"L-AZZJONI KATTOLIKA: SEJĦA DEJJEM ŻAGĦŻUGĦA"*

**(TAGĦLIM – TALB – QADI )**

Is-Sibt 13 ta' Ottubru 2018 ser issir L-ASSEMBLEA tal-AZZJONI KATTOLIKA f'Għawdex fuq bażi djoċesana (Sena Socjali 2018-2019) fis-Santwarju Bażilka tal-Madonna ta' Pinu. Il-funzjoni tibda fis-5.45p.m b'rużarju meditat; wara, diskors mill-President Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika Antoine Vassallo; u fis-6.30pm quddiesa konċelebrata preseduta mill-E. T. Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, flimkien mall-Assistenti Ekkleżjastiċi kollha tal-A.K. Il-membri kollha tal-Azzjoni Kattolika huma mitluba jattendu.



# OTTUBRU IX-XAHAR TAR-RUŻARJU

Nitħeġġu u nħeġġu oħrajn biex jitolbu għall-Familji u għall-Vokazzjonijiet permezz tar-Rużarju.

# TALB GĦALL-VOKAZZJONIJIET FIL-KAPPELLA TAS-SEMINARJU

Ingħaqad mas-Seminaristi tagħna fil-Kappella tas-Seminarju u itlob għall-Vokazzjonijiet quddiem Ġesù espost solennement. L-adorazzjoni tkun miftuħa mis-7am sat-8.00pm.

***4 ta' Ottubru 2018 | 6 ta' Diċembru 2018***
***7 ta' Frar 2019 | 7 ta' Marzu 2019 | 4 ta' April 2019***

| | |
|---|---|
| 1. It-Tnejn | Santa Tereza tal-Bambin Ġesù. Tifkira (O). |
| 2.It-Tlieta | L-Angli Kustodji Mqaddsa. Tifkira (O). |
| 3.L-Erbgħa | San Franġisk Borgia, Presbiteru. Tifkira. Jew Beatu Kolumba Marmion, Abbati. Tifkira.<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. |
| 4.Il-Ħamis | San Franġisk t'Assisi, Djaknu. Tifkira (O).<br>Jum ta' Adorazzjoni Ewkaristika għall-Vokazzjonijiet (Seminarju - 7am -8pm). |
| 5.Il-Ġimgħa | Santa Marija Fawstina Kowalska, Verġni. Tifkira.<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II – 7.30pm).<br>Quddiesa għall-Professjonisti u Gradwati (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria - 8.30pm). |
| 6.Is-Sibt | San Bruno, Abbati. Tifkira.<br>L-ewwel sibt tax-Xahar. Tqarbina Riparatriċi.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet, ix-Xewkija. Quddies: 8.00pm u f' nofsillejl). |
| **7.Il-Ħadd** | **Is-27 Ħadd tas-Sena B.**<br>**L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Ruzarju. Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju fil-Parroċċi.**<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco (5.30pm). |
| 8.It-Tnejn | San Xmun Profeta. Tifkira |
| 9.It-Tlieta | San Djonisju, Isqof u Sħabu, Martri. Tifkira. Jew San Ġwann Leonardi, Presbiteru. Tifkira. |
| 10.L-Erbgħa | San Tumas ta' Villanova OSA, Isqof. Tifkira.<br>Jum Dinji għas-Saħħa Mentali (ĠM). |
| 11.Il-Ħamis | Id-Dedikazzjoni tal-Knisja Katidrali. Festa. |
| 12.Il-Ġimgħa | San Wilfred ta' York. Tifkira. |
| 13.Is-Sibt | Is-6 u l-aħħar dehra tal-Madonna ta' Fatima (Knisja ta' Ħamet: 5.00pm Adorazzjoni Solenni; 6.00pm Quddiesa u pellegrinaġġ ta' Talb, kurunella u Barka Sagramentali).<br>Assemblea tal-Azzjoni Kattolika (Santwarju Bażilka ta' Pinu - 5.45pm Rużarju meditat, diskors tal-President tal-A.K. u Quddiesa Konċelebrata mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech – 6.30 pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Kappella tal-Oratorju Don Bosco, ir-Rabat. Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **14.Il-Ħadd** | **It-28 Ħadd tas-Sena B. Jum il-Katekeżi.**<br>**Festa tal-Madonna tal-Patroċinju (Knisja Bażilka tal-Wied, l-Għasri).**<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco (5.30pm). |
| 15.It-Tnejn | Santa Teresa ta' Ġesù, Verġni u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O) |
| 16.It-Tlieta | Santa Margerita Marija Alacoque, Verġni. Tifkira. Jew Santa Edwiġe, Reliġjuża. Tifkira.<br>Jum Dinji tal-Ikel (ĠM). |
| 17.L- Erbgħa | San Injazju ta' Antjokja, Isqof u Martri. Tifkira (O). |
| 18.Il-Ħamis | San Luqa, Evanġelista. Festa. |
| 19.Il-Ġimgħa | San Pawl tas-Salib, Presbiteru. Tifkira. Jew il-Martri tal-Kanada. Tifkira.<br>Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II – 7.30pm). |
| 20 Is-Sibt | L-Imqaddsa Verġni Marija "Mater Admirabilis". Tifkira.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **21.Il-Ħadd** | **Id-29 Ħadd tas-sena B. IL-ĠURNATA MISSJUNARJA.**<br>**Isir ġbir għall-Missjoni tal-Opri Missjunarji Pontifiċji.**<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco (5.30pm). |
| 22.It-Tnejn | San Ġwann Pawlu II, Papa. Tifkira. |
| 23.It-Tlieta | San Ġwann minn Capestrano, Presbiteru. Tifkira. |
| 24.L-Erbgħa | San Anton Marija Claret, Isqof. Tifkira. |
| 25.Il-Ħamis. | San Gawdenz ta' Brescia. Tifkira.<br>Mixja ta' Tħejjija għaż-Żwieġ u għall-ħajja tal-Familja Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta (7.00pm). |
| 26.Il-Ġimgħa | San Evaristo Papa. Tifkira.<br>Parenting skills (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II – 7.30pm) |
| 27.Is-Sibt | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati (Għajnsielem fis-6.00 quddiesa u wara l-adorazzjoni sat-8.00pm.).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Savina, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **28.Il-Ħadd** | **It-30 Ħadd tas-sena B. Jum Il-Bibbja.**<br>Laqgħa għall-Familjari tal-Kleru (Seminarju - 4pm). |
| 29.Il-Tnejn | Beatu Mikiel Rua. Tifkira. |
| 30. It-Tlieta | Sant'Alfons Rodriguez, Brother Ġiżwita. Tifkira. |
| 31. L-Erbgħa | San Wolfgang, Isqof. Tifkira. |